**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Joseph Edward Pike**

**Kumpilazzjoni numru 544 / 2016**

**Illum 14 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Edward Pike** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22384 (A) billi huwa akkuzat talli fid-09 ta' Awwissu 2016 u fil-granet ta' qabel, minn gewwa Pulptech Ltd, Triq Sir William Reid, Gzira ikkommetta serq ta' 6,000 Euro ghad-detriment ta' Stephan Cutajar u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur liema ammont jeccedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37).

**Ikkunsidrat:**

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghatu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-piena dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa. Il-Qorti rat li l-imputat diga' hallas lura elf ewro mis-somma li ha meta kien jahdem f'Pulptech Ltd., Triq Sir William Reid, Gzira u li hemm ftehim kif se jhallas il-kumplament tal-flus lura.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin millum u li jhallas il-kumplament tal-ammont ta' hamest'elef ewro lil Stephan Cutajar fi zmien sena millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**